Parlament Ewropew

2014-2019

**0028/2016**

11.4.2016

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ġlieda komuni kontra t-terroriżmu

**József Nagy (PPE), Monika Flašíková Beňová (S&D), Tomáš Zdechovský (PPE), Ruža Tomašić (ECR), Tomasz Piotr Poręba (ECR), Adam Gierek (S&D), Ivan Štefanec (PPE), Alessandra Mussolini (PPE), Salvatore Domenico Pogliese (PPE), Elisabetta Gardini (PPE), Edward Czesak (ECR)**

Data ta' skadenza: 11.7.2016

**0028/2016**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-ġlieda komuni kontra t-terroriżmu[1]**

1. L-avvenimenti traġiċi reċenti tal-ajruplan Russu fuq is-Sinai u l-attakki qattiela f'Pariġi, fi Brussell u f'Bejrut, kif ukoll fit-Turkija u l-Lvant Nofsani, kienu xokk għalina lkoll.

2. L-Unjoni Ewropea għandha tkun minn ta' quddiem biex tgħaqqad lill-forzi kollha u ssib alleati madwar id-dinja kollha fil-ġlieda kontra t-terroristi. Għandha tiġi rinfurzata l-kooperazzjoni operattiva bejn l-Unjoni Ewropea, ir-Russja, l-Istati Uniti u alleati potenzjali oħra.

3. Is-servizzi ta' intelligence għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fi ħdan u barra l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġu evitati traġedji oħra u jinstabu dawk li jwettqu atti terroristiċi.

4. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma għalhekk mitluba jagħmlu aktar sforzi biex jabolixxu n-netwerk ta' kuntrabandisti ta' armi li jappoġġja u jiffinanzja gruppi terroristiċi, li b'hekk jikkontribwixxu kunsiderevolment għad-destabilizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea, li mhuwa fl-interess ta' ebda setgħa globali, inklużi ċ-Ċina, ir-Russja u l-Istati Uniti.

5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.